Nirringrazzjaw lil Alla ta' dawn il-jiem ta' festa li rnexxielna ngawdu flimkien fi spirtu verament sabiħ ta' għaqda u dedikazzjoni, bi mħabba lejn raħalna u b'qima kbira lejn San Pietru u San Pawl. Ħafna nies, anki minn barra r-raħal, sew dawk li ngħaqdu magħna fil-knisja u fil-pjazez tagħna u sew dawk li segwewna fuq il-mezzi tax-xandir ħassew li kellna festa tassew sabiħa, għax raw spirtu ta' komunità ferħana u mħeġġa. Jalla issa, inkomplu matul is-sena kollha naħdmu għal xulxin u ma' xulxin, għax dan jagħmilna parroċċa ta' veru.



Grazzi speċjali lill-għaqdiet kollha tal-armar, tan-nar, taż-żgħażagħ u tal-banda għall-impenn kbir u s-sagrifiċċji kollha tagħhom; lill-Kumitat Festi Esterni tal-koordinament bejniethom kollha; lill-Kunsill Lokali tas-sapport kontinwu, lill-forzi tal-ordni għas-sigurtà, lis-sidien tal-ħwienet tal-kooperazzjoni tagħhom.

Grazzi kbira għal dawk kollha li ħadu ħsieb iċ-ċelebrazzjoni tant għeżież li saru fil-Knisja: is-sagristani u l-voluntiera li żejnu l-knisja; dawk li ġew fil-moħbi jnaddfu u jaħslu qabel u wara kull ċelebrazzjoni; dawk li ħejjew il-ward; dawk li preparaw il-mużika u l-kant għal kull jum tan-novena speċjalment fit-Tridu u f'Jum il-Festa u dawk li ħasbu jorganizzaw u jmexxu l-Liturġija ta' kull jum, b'tali mod li kull mument ta' talb seta' jdewwaqna ftit mill-isbuħija tal-ħajja meta tkun mgħixha f'komunjoni ma' Alla u ma' xulxin.

Ejjew nkomplu nitolbu lil San Pietru u San Pawl għal xulxin, speċjalment għal dawk l-iktar dgħajfa fostna, għal min iħossu waħdu, għal dawk li huma morda fi djarhom u fl-isptarijiet, għal dawk li għaddejjin mill-problemi tal-ħajja, għal dawk li qed ibatu mill-ġlied u min-nuqqas ta' ftehim fil-familji tagħhom jew ma' ħbiebhom... sabiex jgħallmuna nitkellmu flimkien kif kienu jagħmlu huma, u jqarrbuna lejn Alla li jafna u jħobbna u jridna miegħu biex ifejjaq u jsaħħaħ 'il-qalb ta' kull wieħed u waħda minna.

*L-Arċipriet Dun Krystof*

**AVVIŻI:**

Il-membri tal-**M.U.S.E.U.M. tal-bniet** javżaw li l-ħinijiet tat-tagħlim matul is-sajf, għat-tfal minn Year 5 'l fuq u għall-adolexxenti, ser ikun kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis mis-5.45pm sas-6.30pm. Ser ikollhom lezzjoni qasira u iktar logħob u attivitajiet.

Id-dati ta' meta jkun hemm l-**għoti tad-demm fil-Berġa tax-Xewkija** ssibuhom fuq il-Facebook tal-parroċċa u anki fin-noticeboards tal-knisja. Inħeġġukom tieħdu nota tagħhom u jekk tistgħu tgħinu f'dan l-att nobbli ta' karità mal-proxxmu.

**Taħditiet dwar l-Apokalissi ta' San Ġwann Appostlu** minn Fr Marcello Ghirlando kull nhar ta' Tnejn fis-7.30pm fil-knisja ta' Sant'Antnin ta' Padova. Jibdew nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju. Kulħadd mistieden.

**Lill-ġenituri tat-tfal li rċevew il-Griżma tal-Isqof**

Infakkrukom li l-ilbiesi jintraddu lura **l-Erbgħa 9 ta' Lulju, mill-5.00pm sas-6.00pm** f'Dar San Pietru u San Pawl ta' Triq Diċembru 13. Min għal xi raġuni ma jistax f'din il-ġurnata għandu jibgħat e-mail fuq: nadurparishmxuereb@gmail.com sabiex issibu mument ieħor. Grazzi

Fil-ġurnata meta ġġibu lura l-libsa qed nitolbulkom ġentilment tħallu **donazzjoni għall-ispejjeż** tal-parroċċa marbuta ma' din l-okkażjoni (il-fjuri fil-knisja, il-kura tal-ilbiesi u x-xiri ta' oħrajn ġodda). Nirringrazzjawkom minn qabel tal-ġenerożità tagħkom filwaqt li nkomplu noffrulkom l-għajnuna kollha tagħna fil-mixja tal-fidi tat-tfal tagħkom huma u jikbru fiż-żgħożija.

**Grazzi tal-ġenerożità sabiħa tagħkom**

Ġabra fil-ħruġ tal-istatwa €3,543.45

Ġabra bieb bieb u minn idejn l-Arċipriet: €14,700.54

Ġabra għall-fjuri €680 u għall-manutenzjoni tan-niċċa ta' S.Pietru u S.Pawl €765

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am